**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-18 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 223/2021 JPG**

**Kawza Numru : 13**

**MC**

**Vs**

**CC**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MC datat 2 ta' Gunju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu fit-tmienja (8) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (Dok A) u minn dan iz-zwieg ma twieldu l-ebda ulied;*

2. *Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jghaddu ghall-kuntratt ta' separazzjoni (Ara Dok B anness) in forza ta' Digriet moghti mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni Familja) datat it-tmienja (8) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016);*

3. *Illi l-partijiet ilhom de jure separati mis-sena elfejn u sittax (2016) kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 25 ta' Frar 2016 in atti Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia;*

4. *Illi m'hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom de jure separati mis-sena 2016, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ai termini tal-artiklu erbgha (4) tal-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt li jitolbu manteniment minn ghand xulxin, u ghalhekk m'hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

   *Bl-ispejjez kontra l-intimata.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 25 ta' Ottubru 2021, a fol 15 li taqra hekk:

1. *Illi l-intimata tikkonferma l-fatti ravvizati fir-rikors tar-rikorrent datat it-tnejn (2) ta' Gunju tas-sena elfejn u wiehed ghoxrin (2021);*

2. *Illi l-intimata taqbel mat-talbiet tar-rikorrenti u cioe li dina l-Onorabbli Qorti tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif ukoll sabiex tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dana ai termini ta' artikoli 66B, 66C, u kif ukoll artikolu 66N (1) (a) u (b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

3. *Illi l-unika eccezzjoni li l-intimata ghandha x'tissoleva hija illi l-istess m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn l-odjerni proceduri u dan stante illi kien ir-rikorrenti li ghamel it-talba ghad-divorzju u ghaldaqstant ghandu jkun hu li jbati tali spejjez;*

4. *Illi in oltre, l-istess intimata qieghda tipprezenta l-affidavit taghha li jinsab hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'MCCC1' flimkien mac-certifikat taz-zwieg u l-kuntratt tas-separazzjoni annessi u mmarkati bhala Dok 'MCCC2' u 'MCCC3';*

5. *Illi, ghar-ragunijiet suesposti l-intimata tirrimetti ruhha ghas-savju gudizzju ta' dina l-Onorabbli Qorti ghat-talbiet kollha tar-rikorrent.*

   *Bl-ispejjez kontra r-rikorrent.*

Rat in-nota tal-intimata datata 25 ta' Ottubru 2021, a fol 14 li taqra hekk:

> *Illi in vista tad-digriet moghti min din l-Onorabbli Qorti datat it-3 ta' Gunju 2021, l-esponent qieghda umilment tinforma lill-istess Qorti illi ma ghandhiex provi x'tipprezenta u lanqas trattazzjoni ulterjuri u li ghalhekk titlobha u tistiedinha sabiex tghaddi ghas-sentenza.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**CC xehdet** (vide affidavit fol 17) illi l-kontendenti iltaqghu madwar hmistax (15)-il sena ilu, u zzewgu 6 snin wara, nhar it-8 ta' Settembru 2012 u li minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Sostniet illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ippubblikat minn Nutar Dr Sharon Faith Farrugia nhar il-25 ta' Frar 2016. Ikkonfermat illi l-kontendenti ghandhom hajja ndipendenti minn xulxin u li ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Finalment iddikjarat li ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom.

**MC** xehed (vide affidavit fol 27) u kkonferma u kkollabora dak li xehdet martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-8 ta' Settembru 2012, liema zwieg jgib certifikat numru 2430/2012 (Vide certifikat taz-zwieg a fol 3). Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Sharon Faith Farrugia nhar il-25 ta' Frar 2016 (vide Dok. B fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2430/2012 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**

**Deputat Registratur**